MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 52/2001/1

**Z. R.**

**v.**

**Z. A.**

**Il-Qorti:**

## I PRELIMINARI

1. Fit-12 ta' Jannar 2001, R. Z. ("l-attrici/l-appellata") ipprezentat att tac-citazzjoni quddiem l-Onorabbli Prim

Awla tal-Qorti Civili kontra zewgha A. Z. ("il-konvenut/l-appellant") fit-termini segwenti:
"Peress illi, il-kontendenti zzewgu fl-10 ta' April 1974, fil-Katedral ta' Westminster, Londra, l-Ingilterra;

Peress illi, l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba servizzi, theddid u ingurji gravi da parte tal-konvenut fuq l-attrici;

Peress illi, z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabbilment;

Peress illi, l-kontendenti ghandhom zewgt itfal miz-zwieg taghhom jisimhom G., ta' sittax-il sena, li twieldet fit-18 ta' April 1984, u R., ta' tnax-il sena, li twieled fid-19 ta' Mejju 1988;

U peress illi ghal dawn ir-ragunijiet, l-attrici talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega mis-Sekond Awla tal-Qorti Civili, sabiex tkun tista' tipprocedi f'din l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali, liema digriet igib id-data tat-18 ta' Ottubru 2000, digriet numru (1800/00), li kopja tieghu qed tigi hawn annessa bhala dok. A;

Jghid il-konvenut ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet imsemmija:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dan minhabba htijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma zewgha l-konvenut fid-dar matrimonjali, a tenur ta' l-Artikoli 46 u 55A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Takkorda l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri lill-attrici;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentajra ghall-minuri, skond dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tistabilixxi;

5. Tiddikjara xjola l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti;

6. Tillikwida l-oggetti formannti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, u taqsam l-istess komunjoni f'zewg porzjonijiet li jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut;

7. Tordna fejn hu applikabbli l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kontra l-konvenut;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-proceduri quddiem is-Sekond Awla, kontra l-konvenut."

2. Il-konvenut ikkontesta l-kawza bis-segwenti eccezzjonijiet:
"Illi huwa minnu illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti saret impossibbli u li z-zwieg taghhom tfarrak irrimedjabilment, izda dan minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-attrici u mhux lill-eccipjenti kif fil-fatt ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-eccipjenti jidhirlu li din l-Onorabbli Qorti ghandha tawtorizza lilu jghix fid-dar matrimonjali u dan ad eskluzjoni ta' martu;

Illi l-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri ghandha tigi akkkordata lill-eccipjenti;

Illi l-attrici ghandha tigi ikkundannata thallas lill-eccipjenti retta alimentarja ghall-minuri, skond dawk il-modiltajiet li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandha tistabilixxi;

Illi l-eccipjenti jaqbel li l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti ghandha tigi xolta u likwidata f'zewg porzjonijiet ugwali b'dan illi wahda minn dawn il-prozjonijiet tigi assenjata lill-attrici u l-ohra lill-eccipjenti;

Illi l-effetti ta' l-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ghandhom jigu applikati esklussivament kontra l-konvenut."

3. L-ewwel Onorabbli Qorti tat is-sentenza taghha fis-27 ta' Jannar, 2004. Peress li z-zwieg bejn il-kontendenti gie dikjarat null b'sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-1 ta' Ottubru 2002, u peress li ntlahaq ftehim bonarju bejn il-kontendenti, jirrizulta li fl-imsemmija sentenza taghha tas-27 ta' Jannar 2004, l-ewwel Qorti ma haditx aktar konjizzjoni ta' l-ewwel, it-tieni u s-sitt u seba' talba ta' l-attrici, stante li dawk l-istess talbiet kienu sfaw ezawriti u ghalhekk iddisponiet mill-kawza bil-mod segwenti:
"1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba attrici *stante* li din hija llum ezawrita.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici *stante* li din hija wkoll illum ezawrita.

3. Tilqa' t-tielet talba u takkorda l-kura u l-kustodja tal-minuri R. lill-attrici bid-dritt t'access liberu favur il-konvenut ghal darbtejn fil-gimgha, darba nhar ta' Erbgha bejn l-4.00.p.m. u 6.00.p.m. u fil-*weekends* darba nhar ta' Sibt u darba il-Hadd, alternattivament, bejn it-3.00.p.m. u l-5.00.p.m. b'dan li l-istess access ghandu jibda u jispicca minn hdejn ir-residenza ta' l-istess attrici, kollox b'mod dicenti u din il-Qorti tinkariga lill-Agenzija Appogg sabiex tissorvelja minn zmien ghal zmien l-istess sitwazzjoni, u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess *Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tordna lill-konvenut sabiex b'effett mid-data ta' din is-sentenza jhallas lill-attrici bhala manteniment ghall-istess minuri R. l-ammont ta' hamsa u sebghin lira Maltija (Lm75) fix-xahar, u din ir-rata ta' alimenti ghandha tithallas mill-konvenut kif hawn ordnat bix-xahar bil-quddiem u ghandha titnaqqas direttament mill-paga jew salarju tal-konvenut mill-*employer* tieghu u tintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex tinnotifika a spejjez

taghha kopja legali ta' din is-sentenza lill-istess *employer* tal-konvenut u dan bla pregudizzju ghal dak li ser jinghad iktar 'il quddiem dwar l-hlas ta' arretrati ta' alimenti ghall minuri fil-kuntest tad-digriet tas-Sekond'Awla dwar spejjez edukattivi.

Illi dwar l-arretrati ta' spejjez edukattivi dovuti mill-konvenut *in vista* tad-digriet tas-Sekond'Awla datat 18 ta' Ottubru 2000, din il-Qorti tordna wkoll lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-ammont ta' elf, tlett mija u tlieta u erbghin liri Maltin u hamsa u sittin centezmu (Lm1,343.65), cjoe' nofs l-ammont ta' l-ispejjez ta' l-edukazzjoni dovuti minn Ottubru 2000 sa l-ahhar ta' Frar 2003, li minnhom sa llum l-istess konvenut ghadu ma hallas xejn *nonostante* d-digriet vigenti tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 18 ta' Ottubru 2000.

5. Tilqa' l-hames (5) talba u tiddikjara l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-kontendenti xolta b'effett mis-16 ta' Mejju 2002, kif gja giet ordnata bid-digriet ta' l-istess datat tas-16 ta' Mejju 2002.

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba attrici *stante* li din hija llum ezawrita.

7. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba attrici *stante* li din hija llum ezawrita.

Illi l-ispejjez tal-kawza u tal-proceduri quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili dawn ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut. B'dan ukoll, li peress li din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawwlu l-proceduri bla bzonn, fejn il-konvenut ikkontribwixxa sostanzjalment ghal dan id-dewmien, din il-Qorti b'applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta' l-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna li l-attrici thallas is-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u minn naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' hames mitt lira Maltija (Lm500) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijiet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza. Il-Qorti

tordna komunika ta’ din is-sentenza lir-Registratur tal-Qrati.”

4. Ghall-kompletezza kopja shiha ta’ din is-sentenza appellata qeghda tigi annessa bhala appendici ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**II L-APPELL**

5. Il-konvenut hassu aggravat minn din is-sentenza u ghalhekk huwa intavola appell minnha quddiem din il-Qorti b’rikors ta’ l-appell fit-13 ta’ Frar, 2004. Dan huwa rikors twil sitta u ghoxrin (26) faccata, kontenenti sebgha u sebghin (77) paragrafu. Huwa mizghud b’repetizzjonijiet inutili li huma effikacissimi biex jirritaw u jdejqu lil min jaqrah. Din il-Qorti sejra tirriproduci hawn l-ahhar parti ta’ dan ir-rikors (li fiha l-appellant jisforza biex jissintetizza dak li qal qabel fir-rikors ta’ l-Appell) u cioe` l-aggravji ta’ l-appell tieghu kif ukoll it-talbiet li qed jaghmel lil din il-Qorti:

“RAGUNIJIET TA’ L-APPELL

72. Illi, ghaldaqstant, l-appellanti fid-dawl ta’ dak li ntqal fil-kontenut fl-intier tieghu ta’ dan ir-rikors ta’ l-appell odjern, ma setax ma jhossx ruhu aggravat mis-sentenza ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti, minghajr pregudizzju ghar-ragunar legali in linea preliminari, u l-appell tieghu qed jigi mibni fuq l-AGGRAVJI sussegwenti:

(1) Illi s-sentenza li nghatat nhar it-Tlieta, sebgha u ghoxrin (27) ta’ Jannar 2004, hija legalment u fattwalment nulla fis-sens illi l-isem ta’ R. Z. kien legalment inezistenti meta nghatat is-sentenza, u dan ghar-raguni ta’ l-annullament taz-zwieg bejn il-kontendenti Z. u kwindi kellu jkun hemm il-korrezzjoni ufficjali mill-ewwel Onorabbli Qorti fl-okkju ta’ din il-kawza fis-sens illi R. Z. kellu jigi sostitut bl-isem ta’ R. P., aspett legali li ngab a konjizzjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti, imma li dwaru l-ewwel Onorabbli Qorti ma tat ebda diretivi jew decizjoni jew m’ghamlet ebda implimentazzjoni biex l-okkju tal-kawza jkun legalment u fattwalment korrett.

(2) It-tieni aggravju jikkonsisti fil-fatt illi anke l-isem ut sic! ta’ R. huwa legalment u fattwalment inkorrett,

billi kif ingab a konjizzjoni kemm ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti u anke ta’ din il-Wisq Onorabbli Qorti ta’ l-Appell permezz ta’ dan ir-rikors ta’ l-appell odjern, l-attrici ma jisimhiex R. ufficjalment imma R. M., se mai sive R., imma mhux R., u ghaldaqstant l-inkorrettezza li tindika lill-attrici bl-isem R. meta l-ewwel Qorti kellha kwalsiasi fakolta` ghax ingab a konjizzjoni taghha l-fatt li l-attrici ma kienx jisimha R. imma RM., u ghaldaqstant minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, anke f’dan il-kuntest kellu jigi koreggut biex l-isem ta’ l-attrici jkun korrettament rifless kif huwa registrat fic-certifikat tat-twelid ta’ l-istess attrici u kif jirrizulta mill-atti tal-kawza ta’ l-anullament li din il-Qorti ta’ l-Appell ingabet ukoll a konjizzjoni taghha u kif jirrizulta manifestament fil-kuntest tas-sentenza citata.

(3) Illi t-tielet (3) aggravju jikkoncerna kif gew imponuti u distribwiti l-ispejjez tal-kawza, li dwarhom l-appellanti dahal fid-dettal fil-kontenut ta’ dan ir-rikors ta’ l-appell odjern, u fejn ghad-direttura l-appellanti hassu aggravat mhux biss bl-ispejjez addizzjonali li bl-umilta` kollha jinghad li gew inutilment imposti ghall-ebda ragunijiet legalment u fattwalment validi fuq l-appellanti, kif ukoll l-ispejjez konnessi mal-proceduri tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili, u fil-fehma umili ta’ l-apellanti l-ispejjez ghandhom jigu ridotti bl-aktar mod manjaninu possibbli minhabba li grazzi ghall-koperazzjoni tal-kontendenti, l-ewwel Qorti tnehhilha l-piz biex tiehu decizjoni fuq hames (5) minn seba’ (7) talbiet u effettivament l-ewwel Qorti iffukat biss, bil-koperazzjoni assoluta tal-kontendenti specjalment tal-kontendenti konvenut kif jidher bic-car anke mill-kontenut ta’ dan ir-rikors ta’ l-appell odjern, biex l-ewwel Qorti taqbel jew ma taqbilx mad-decizjoni taghha waslet ghall-konkluzjoni fir-rigward tat-tielet (3) u r-raba’ (4) talba attrici.

(4) Illi r-raba’ (4) aggravju jirrigwarda l-mod kif l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni dwar l-ispejjez edkutattivi li apparti mill-fatt li l-ispejjez edukattivi l-ewwel Qorti fil-fehma umili ta’ l-appellanti erronjament inkludiet forom ohra ta’ spejjez li strictu sensu ma jaqghux bhala spejjez edukattivi, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tac-cifri li issottometta l-appellanti wara studju li kien

ghamel fuq invit ta’ l-istess ewwel Onorabbli Qorti ghac-cifri li l-attrici kienet qed tippretendi, u fejn l-appellanti bl-aktar mod onest u car wera anke lil din l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell li c-cifra li l-ewwel Qorti imponiet fuq l-appellanti biex ihallas ghall-ispejjez edukattivi hija zbaljata ghax saret fuq apprezzament hazin tac-cifri u tal-fatti meta l-ewwel Onorabbli Qorti kellha dokumentazzjoni li a bazi ta’ dawn id-dokumenti setghet waslet ghac-cifri li effettivament ippropona l-appellanti u ghandha tkun dik ic-cifra li l-ispejjez edukattivi se mai ghanhom jigu ridotti ghaliha.

(5) Illi l-hames (5) aggravju jirrigwarda r-retta alimentari li waslet ghaliha l-ewwel Onorabbli Qorti u kif bl-akbar umilta` l-appellanti fisser anke fid-differenza enormi bejn l-introjtu enormi da parti ta’ l-appellata meta mqabbel ma’ l-introjtu ferm izghar da parti ta’ l-appellanti, u fic-cirkostanzi kollha tal-kaz kemm mill-att legali kif ukoll fattwali, li r-retta alimentari m’ghandhiex teccedi c-cifra ta’ hamsin Lira Maltin (LM50) fix-xahar, u dan ghal ragunijiet li diga’ gew imfissra lil din l-Onorabbli Qorti.

(6) Illi l-ahhar aggravju jirrigwarda l-punt legali wkoll li m’huwiex gust li l-Qorti tiddikjara li qed tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut meta kjarament f’hamsa (5) minn seba’ (7) talbiet il-Qorti jew iddikjarat li ma kienitx sejra tiehu konjizzjoni taghhom inkella qablet fuq il-ftehim milhuq bejn il-partijiet kontendenti, u kwindi se mai l-ewwel Onorabbli Qorti jekk hekk dehrilha fis-savju gudizzju taghha, kellha tichad zewg eccezzjonijiet tal-konvenut appellanti li jirrigwardaw it-tielet (3) u r-raba’ (4) talba attrici.

Illi mela l-appellanti ghal dawn is-sitt (6) AGGRAVJI kien kostrett li jintavola r-rikors ta’ l-appell odjern.

<u>TALBIET APPELLANTI</u>

73. Illi, ghaldaqstant, l-appellanti filwaqt illi jirreferi ghas-sentenza moghtija fis-seduta ta’ nhar it-Tlieta, sebgha u ghoxrin (27) ta’ Jannar 2004, fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ippreseduta mill-Onorevoli Imhallef

Raymond C. Pace LL.D., fl-ismijiet "R. Z. – versus – A. Z. jitlob lil dina l-Wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell sabiex:-

(1) Illi in linea preliminari jigi dikjarat li s-sentenza citata hija nulla, invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli skond il-ligi minhabba li R. Z. ut sic! kienet bhala persuna legalment u fattwalment inezistenti fil-mument li nghatat is-sentenza citata, u kwindi fl-assenza tal-persuna ta' l-attiri, ma setghet tinghata ebda sentenza li b'xi mod wiehed jista' jsejhilha valida, effettiva u enforzabbli skond il-ligi;

(2) Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba appellanti, isem l-attrici R. ma huwiex legalment korrett billi dan kellu jigi sostitut bl-isem korrett R. M. u kwindi anke minn dan l-aspett is-sentenza citata ma kellhiex okkju legalment korrett u kwindi fin-nuqqas ta' din il-korrezzjoni, is-sentenza citata ghandha tigi dikjarata wkoll nulla, invalida, ineffettiva u mhux enforzabbli skond il-ligi;

(3) Illi fil-mertu tal-konkluzjonijiet ta' l-ewwel Qorti, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg talbiet fir-rikors ta' l-appell odjern, din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tvarja l-mod kif gew imposti l-ispejjez tal-kawza f'pagna wiehed u ghoxrin (21) tas-sentenza citata, b'mod illi jigi dikjarat li ma kien hemm ebda htiega biex l-appellanti jitwahhal xi forma ta' spejjez addizjonali, u kwnatu ghall-ispejjez tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili u spejjez ordinarja ohra certament dawn ghandhom jigu riapprezzati fid-dawl tac-cirikostanzi kif imfissra fil-kontenut ta' dan ir-rikors ta' l-appell odjern;

(4) Illi din l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell ghandha tvarja l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi ma kienx korrett li l-ewwel Qorti tiddikjara li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut appellanti, meta hames (5) minn seba' (7) talbiet gew rizolti mod iehor, u certament bl-ebda mod ma kien hemm bazi li jigi dikjarat illi l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellanti f'dawn ic-cirkostanzi jigu michuda;

(5) Illi fir-rigward ta' l-ispejjez edukattivi li gew imposti fuq l-appellanti, ic-cifra imposta fuqu mill-ewwel

Onorabbli Qorti ghandha tigi ridotta ghall-ammont ta' erba' mija tnejn u tletin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM432.89) u dan ghar-ragunijiet kif imfissra bl-aktar mod dettaljat fil-kontenut fl-intier tieghu ta' dan ir-rikors ta' l-appell odjern;

(6) Illi fir-rigward tar-retta alimentari ordnata wkoll mill-ewwel Qorti, din ghandha tigi ridotta ghall-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fix-xahar u dan ukoll ghar-ragunijiet kif imfissra fil-kontenut fl-interi tieghu ta' dan ir-rikors ta' l-appell odjern.

<u>KONKLUZJONI</u>

75. Illi, ghaldaqstant, in konkluzjoni l-appellanti fid-dawl ta' dawn it-talbiet tieghu kif hawn fuq suesposti jitlob partikolarment jekk tintlaqa' l-ewwel talba jew l-ewwel zewg talbiet, illi l-atti ta' dan il-process jintbaghtu lura ghand l-ewwel Qorti biex ikompli jinstema' dan il-kaz bl-okkju legalment ikkoregut mid-data ta' l-annullament taz-zwieg tieghu ma' l-appellata u taht kwalsiasi direttiva ohra jew provediment li din il-Wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell tista' taghti u tordna fic-cirkostanzi.

76. Illi ghal dawn il-motivi wkoll l-appellanti ma ghandux jehel b'ebda forma ta' spejjez gudizzjarji jew extra gudizzjarji li se mai ghandhom jigu sopportati mill-appellata billi kienet l-istess appellata li kienet strumentali biex dan iz-zwieg qatt ma kien (kif jirrizulta facilment mis-sentenza citata), u kwindi l-appellanti ma kellux ghalfejn fic-cirkostanzi jghaddi minn dawn il-proceduri li kif irrizulta manifestament lil din l-Wisq Onorabbli Qorti ta' l-Appell effettivament minn seba' (7) talbiet attrici, hamsa (5) gew facilment rizolti minhabba c-cirkostanzi kif zviluppaw u fit-tnejn (2) l-ohra l-appellanti ikkopera biex intlahaq qbil li certament ma jkun hemm ebda gustifikazzjoni legali ghala l-ispejjez konnessi maghhom ghandhom ukoll jigu imposti fuqhom."

6. Ma' dan ir-rikors ta' l-appell l-appellant ipprezenta wkoll kopja tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Prim Awla tal-

Qorti Civili fl-1 ta' Ottubru 2002, fl-ismijiet "A. Z. v. RM. Z." li permezz taghha, z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti fl-10 ta' April 1974, gie dikjarat null u bla effett ai termini ta' l-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, b'ordni li l-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet. Inoltre, gie prezentat ukoll att tat-twelid ta' l-attrici.

7. L-appellata ikkontestat l-appell b'risposta ipprezentata fl-1 ta' Marzu, 2004. Ghar-ragunijiet fiha dedotti hija talbet li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha peress li hija gusta u ziedet tghid li l-appell huwa vessatorju, intiz biss biex itawwal iz-zmien u ghalhekk talbet li din il-Qorti tapplika s-sanzjonijiet provduti fl-Artikolu 223 sub-inciz (4) tal-Kapitolu 12 fil-konfront ta' l-appellant.

8. L-appellant stranament ipprezenta replika fis-17 ta' Marzu 2004, flimkien ma dokument, waqt li l-appellata ipprezentat risposta ghal din ir-replika fil-21 ta' April, 2004. Billi replika ta' l-appellant hija mistennija biss skond il-ligi meta jkun hemm appell incidentali, din il-Qorti sejra tinjora dawn id-dokumenti u atti li ma gewx prezentati skond il-ligi u li ghalihom ma ntalbet ebda awtorizzazzjoni biex jigu ipprezentati.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

9. Kif jirrizulta mill-ewwel zewg aggravji migjuba fil-paragrafu 5 *supra,* l-appellant qieghed jallega li s-sentenza appellata hija nulla "fis-sens li l-isem ta' R. Z. kien legalment inezistenti meta nghatat is-sentenza", minhabba li xi zmien qabel, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien gie dikjarat null. It-tieni raguni ta' l-allegata nullita` tas-sentenza appellata, li qieghed jissolleva l-appellant, huwa li isem l-attrici mhuwiex R. izda R. M., skond ic-certifikat tat-twelid taghha.

10. Din il-Qorti ezaminat dak kollu li qal l-appellant fir-rigward ta' dawn iz-zewg aggravji u jkollha tikkonkludi, sfortunatament ghall-appellant, li hija ma tara l-ebda motiv ta' nullita` a bazi ta' dawn iz-zewg aggravji mressqa 'l quddiem mill-appellant. In-nullitajiet, specjalment dawk bazati fuq formalizmu esagerat, huma dejjem odjuzi. L-

eccezzjoni dwar in-nullita` ta' l-atti hija regolata bl-Artikolu 789 u 790 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-appellant ma jindika l-ebda dispozizzjoni tal-ligi li fuqha qieghed jibbaza dawn il-motivi ta' nullita`, u ghalhekk dawn iz-zewg aggravji ma jistghux jintlaqghu.

11. Kif diga` ntqal f'din is-sentenza, l-unici pendenzi li kien baqa' bejn il-partijiet qabel ma nghatat is-sentenza li issa qeghda tigi appellata, kienu jikkoncernaw il-kura u l-kustodja ta' l-iben minuri R., li llum ghandu sbatax-il sena, il-manteniment ghall-istess tifel, kif ukoll l-arretrati dovuti senjatament fuq l-ispejjez edukattivi tal-minuri. Dan, in vista li t-talbiet l-ohra kollha ta' l-attrici kienu sfaw ezawriti kemm minhabba l-fatt li fil-mori ta' din il-kawza z-zwieg bejn il-kontendenti gie dikjarat null u kemm ukoll ghaliex il-kontendenti rnexxielhom jilhqu ftehim bonarju dwar l-aspetti l-ohra tal-kawza.

12. Il-Qorti tinnota li dwar dak li ipprovdiet l-ewwel Qorti ghall-kura u kustodja tal-minuri R. kif ukoll ghall-access, l-appellant ma ressaq l-ebda aggravju. Huwa evidenti li meta si tratta ta' minuri li ghandu sbatax-il sena, u li ghalhekk fi zmien sena ohra se jkun maggorenni, il-kwistjoni tal-kura u kustodja (li dejjem kienet affidata lill-attrici) kif ukoll il-kwistjoni ta' l-access, ghandhom jigu determinati b'rispett shih ghax-xewqat ta' dan il-minuri. Ghalhekk din il-Qorti taqbel ma' dak li qal l-appellant f'dan ir-rigward fis-sens li l-access qieghed jigi prattikat bi ftehim ma' l-istess minuri. Ovvjament hija haga tajba li dan l-access isir bi ftehim bejn il-partijiet u din il-Qorti tawgura li jkompli jsir hekk. Mill-banda l-ohra din il-Qorti sejra tikkonferma l-provvedimenti li tat il-Qorti fir-rigward, billi fil-verita` ma hemmx appell minnhom.

13. L-appellant qieghed jillamenta li r-retta alimentari li waslet ghaliha l-ewwel Onorabbli Qorti, cioe` dik ta' hamsa u sebghin (LM75) lira fix-xahar, kienet gholja wisq specjalment minhabba d-differenza li tezisti bejn l-introjtu ta' l-appellata u dak tieghu. L-appellant qieghed jissugerixxi li dawn l-alimenti ma ghandhomx jeccedu s-somma ta' hamsin Lira Maltin (LM50) fix-xahar u dan

ghar-ragunijiet li fisser l-appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu.

14. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi kollha li hemm fil-process dwar dan il-punt kif ukoll qieset ic-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kawza u jidhrilha li l-ewwel Onorabbli Qorti waslet ghal decizjoni korretta u gusta dwar l-alimenti li l-appellant ghandu jhallas fir-rigward tal-minuri R.. Konsegwentement dan l-aggravju ma jistax jintlaqa’.

15. L-appellant ressaq aggravju iehor dwar l-arretrati ta’ spejjez edukattivi dovuti mill-konvenut lill-appellata minn Ottubru 2000 sa l-ahhar ta’ Frar 2003. L-ewwel Onorabbli Qorti illikwidat nofs dawn l-ispejjez li huma dovuti mill-appellant fis-somma ta’ elf tlett mija u tlieta u erbghin Lira Maltin u hamsa u sittin centezmu (LM1343.65), li minnhom l-ewwel Onorabbli Qorti qalet li l-appellant kien ghadu ma hallas xejn nonostante d-digriet vigenti ta’ l-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili datat 18 ta’ Ottubru, 2002.

16. Quddiem l-ewwel Qorti l-attrici kienet ipprezentat prospett li jindika dettaljatament kif hija kenet waslet ghall-imsemmija somma pretiza minnha ghal dawn l-ispejjez konnessi ma’ l-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll ipprezentat numru kbir ta’ ricevuti u dokumenti ohra li jikkorrobaw dan il-prospett taghha. Jirrizulta li l-konvenut ma kienx qabel ma’ din il-pretensjoni ta’ l-attrici u huwa ipprezenta prospett li jinsab a fol. 180 tal-process u ippretenda li kellu jhallas biss is-somma ta’ erba’ mija u tnejn u tletin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM432.89). Ghar-ragunijiet li l-ewwel Qorti fissret fis-sentenza taghha, il-pretensjoni ta’ l-attrici fir-rigward ta’ dawn l-arretrati ta’ l-ispejjez giet accetata, waqt li l-pretensjoni relattiva tal-konvenut giet skartata. Fir-rikors ta’ l-appell tieghu, l-appellant qieghed jistieden lil din il-Qorti biex tezamina mill-gdid kull ricevuta li hija esebita fil-process u biex tiehu in konsiderazzjoni tal-kummenti ta’ l-appellant fir-rigward ta’ dawn l-ircevuti. Fi kliem iehor, dak li ma ghamilx dettaljatament quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant qieghed jipprova jaghmlu issa quddiem din il-

Qorti. Evidentement dan l-aggravju jirriduci ruhu fir-realta` ghall-kritika dwar l-apprezzament tal-provi li ngiebu quddiem l-ewwel Qorti u li dwarhom l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjonijiet taghha. Huwa bizzejjed risaput li din il-Qorti ta' revizjoni qatt ma tiddisturba leggerment l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti, jekk ikun jirrizultala sodisfacentement li dik il-Qorti setghet legalment u ragjonevalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. F'kazi bhal dawn, din il-Qorti tintervjeni biss jekk tkun tal-fehma li dak l-apprezzament huwa manifestament zbaljat b'mod li jekk tibqa' tregi l-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti bazata fuqu tkun qeghda ssir ingustizzja manifesta minn parti jew ohra.

17. Din il-Qorti ezaminat akkuratament dak kollu li qal l-appellant fir-rikors ta' l-appell tieghu b'referenza ghal dawn l-arretrati ta' l-ispejjez edukattivi u jidhrilha li ma ngabet ebda raguni gravi bizzejjed li tinklinaha li tiddisturba d-diskrezzjoni li wzat l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li ressqet l-attrici, hlief ghal aspett wiehed biss. L-appellant qieghed jikkontendi li huwa kien hallas parti mis-somma pretiza mill-attrici u cioe` s-somma ta' erba' mija u tnejn u tletin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM432.89), cioe` s-somma li kien jidhirlu li kienet tabilhaqq dovuta minnu, u ghalhekk l-appellant qieghed isostni li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx korretta meta qalet li huwa ma kien hallas xejn mis-somma pretiza mill-attrici. Effettivament a fol. 181 tal-process hemm fotokopja ta' cekk ghal dan l-ammont li gie mahrug mill-konvenut lill-attrici li giet indikata bl-isem "R. P.". Mill-process ma jirrizultax jekk dan ic-cekk giex imsarraf minnha jew le. Certament ma hemm l-ebda ricevuta esebita fil-process li kienet allura tikkorrobora t-tezi ta' l-appellant. Mill-banda l-ohra, fir-risposta taghha, l-appellata tammetti li l-appellanti hallas ftit mill-ispejjez edukattivi in kwistjoni. Ma' l-istess risposta l-appellata ghamlet referenza ghall-prospett li suppost kien anness ma' l-istess risposta, pero`, din il-Qorti ma sabitx fil-process dan il-prospett prospett. L-appellata iddikjarat li l-appellant kien ghad fadallu jhallas LM1,167.23 rigward dawn l-ispejjez edukattivi, apparti manteniment li ma thallasx fis-somma ta' LM630. B'hekk jirrizulta li hemm

ammissjoni da parti ta’ l-appellata li l-appellat hallas is-somma ta’ LM176.42 minn dawn l-arretrati ta’ spejjez edukattivi. Konsegwentement is-somma ta’ LM1343.65 imsemmija fis-sentenza trid tigi ridotta ghas-somma ta’ LM1,167.23.

18. Aggravju iehor ta’ l-appellant jillamenta li ma kienx gust li l-ewwel Onorabbli Qorti tiddikjara li kienet qeghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut meta kjarament hamsa minn sebgha talbiet gew dikjarati mill-Qorti li ma kienitx sejra tiehu konjizzjoni taghhom. Din il-Qorti tikkoncedi li l-appellant huwa teknikament u legalment korrett fl-asserzjoni tieghu, ghaliex minflok ma l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-kovenut, hija setghet, b’mod aktar korrett tastjeni li tiehu konjizzjoni ta’ whud minnhom billi l-meritu taghhom kien safa ezawrit fil-mori tal-kawza. Madanakollu din l-iskorretezza teknika li ghamlet il-Qorti ftit li xejn taffetwa l-meritu tal-konkluzjonijiet taghha, li huma sostanzjalment korretti u gusti.

19. L-ahhar aggravju ta’ l-appellant jikkoncerna kritika indirizzata lis-sentenza appellata ghal mod kif din akkollat il-kap ta’ l-ispejjez lill-konvenut, kif ukoll ghall-fatt li ikkundannatu wkoll li jhallas l-ispejjez addizjonali ta’ hames mitt lira lir-registru tal-qorti, u dan kif spjegat fl-aggravju ta’ l-appellant riportat f’paragrafu 5 ta’ din is-sentenza.

20. Anke dan l-aggravju ta’ l-appellant ma jistax jintlaqa’ minn din il-Qorti. Fl-ewwel lok, kwantu ghall-ispejjez addizjonali li gew akkollati lilu a tenur l-paragrafu 10 ta’ l-iskeda A annessa mal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili irid jigi osservat li f’dan il-paragrafu , jinghad espressament li ma hemm ebda appell mid-decizjoni tal-Qorti dwar l-istess provvediment. Konsegwentment, din il-Qorti ma ghandhiex is-setgha li tikkonsidra l-lamenti ta’ l-appellant f’dan ir-rigward. Kwantu ghall-ispejjez l-ohra tal-kawza, din il-Qorti tikkondividi dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti u jidhrilha li dik il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni gusta dwar dan il-kap ta’ l-ispejjez.

21. Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell in parte unikament fis-sens premess, u ghalhekk tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fejn ordnat lill-konvenut li jhallas lill-attrici s-somma ta' LM1343.65 ghal nofs l-ispejjez ta' l-edukazzjoni tal-minuri u minflok tordna lill-konvenut li jhallas lill-attrici, ghall-istess arretrati s-somma ta' LM1167.23 (elf mija u sebgha' u tletin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu) u tikkonferma s-sentenza appellata "in toto" ghall-kumplament.

U billi dan l-appell jirrezenta l-frivolu u l-vessatorju, u ghalhekk ma hemmx lok ghall-ebda temperament ta' l-ispejjez, tordna li l-ispejjez ta' din l-istanza, wkoll ghandhom jibqghu a karigu ta' l-appellant.

Deputat Registratur
Mgc

**APPENDICI**

Kopja tas-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti fis-27 ta' Jannar 2004, qeghda tigi annessa biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------